MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Diċembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 161/2021 LM

**Vimal Kumar Rajvihar (b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2023, l-Avukat Dr Martha Mifsud u l-PL Veronica Rossignaud ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Vimal Kumar Rajvihar, u b'digriet tad-9 ta' Mejju, 2023 ġew sostitwiti mal-Avukat Dr Joseph P. Bonnici u l-PL Jean Pierrre Busuttil)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], mogħtija fit-30 ta' Novembru,

2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] fil-konfront tar-rikorrent **Vimal Kumar Rajvihar** [hawnhekk 'l-appellat'].

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-10 ta' Frar, 2020, ir-rikorrent ippreżenta applikazzjoni lill-intimata għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol, wara li sab impjieg mal-kumpannija lokali Key Contractors Limited. Il-permess mitlub mir-rikorrent kien tat-tip '*still abroad single work permit'.* L-intimata għamlet il-verifiki neċessarji, u sussegwentement ħarġet approvazzjoni *in principle,* li permezz tagħha r-rikorrent ingħata terminu ta' sitt xhur mid-data tal-ittra, jiġifieri mill-20 ta' Lulju, 2020, sabiex jieħu l-passi meħtieġa, japplika għall-*visa* jekk ikun il-każ, u eventwalment jidħol f'Malta u jibda l-impjieg tiegħu. Ir-rikorrent ġie mgħarraf li f'każ li tinħariġlu l-*visa* biex ikun jista' jiġi Malta, huwa seta' jivvjaġġa lejn Malta u wara l-wasla tiegħu kellu jingħata l-permessi ta' xogħol u ta' residenza li applika għalihom. Fi Frar tal-2021 l-intimata ħarġet *policy* ġdida ippubblikata fuq is-sit tagħha, li kienet tgħid li minħabba li faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19 u kien hemm fis-seħħ restrizzjonijiet fuq is-safar, l-intimata kienet qiegħda tagħti possibilità ta' estensjoni ta' sitt xhur mit-terminu mogħti fl-ittra tal-approvazzjoni fil-prinċipju, jew *credit note* lill-prinċipal prospettiv li tkun tista' tissarraf f'applikazzjoni ġdida oħra, f'*renewal* jew f'*change of employer,* u l-validità ta' din il-*credit note* kienet ta' sitt xhur ukoll. Din il-*policy* kienet tapplika għal kull applikant li applika qabel il-31 ta' Marzu, 2020, u ġiet imfassla minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali li ġabet magħha l-pandemija. L-intimata spjegat li l-ħsieb wara din il-*policy* kien li impjegati li jkollhom bżonn *prospective employers* u li kienu approvati sabiex jaslu Malta qabel il-31 ta' Marzu, 2020, ma

setgħux jipprevedu dawn ir-restrizzjonijiet, u għalhekk kien hemm ir-riskju li dawn ma jaslux Malta fiż-żmien mogħti. F'Marzu tal-2021, l-intimata infurmat lill-prinċipal prospettiv li kien ippreżenta l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrent b'din il-possibilità, u infurmatu wkoll li kellu jagħmel l-għażla tiegħu fi żmien ħmistax-il ġurnata ta' xogħol minn meta jirċievi l-ittra. L-intimata qalet li ma rċeviet l-ebda risposta mingħand il-prinċipal prospettiv, u għalhekk ikkonkludiet li dan ma kellu l-ebda ħsieb li jibbenefika minn din il-*policy*. F'Mejju tal-2021, l-intimata bagħtet *refusal letter* lill-applikant, fejn infurmatu li ma kinitx irċeviet risposta sabiex il-perijodu ta' sitt xhur jiġi estiż abbażi tal-*policy,* u għalhekk l-*approval-in-principle* kien qiegħed jiġi rtirat. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord.

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu r-rikorrent qal li l-intimata naqset milli tirrispetta l-limiti ta' żmien imposti bil-liġi, u dan għaliex naqset milli tipproċessa l-applikazzjoni tiegħu fi żmien erba' xhur. Qal li filwaqt li l-applikazzjoni tiegħu ġiet ippreżentata fl-10 ta' Frar, 2020, id-deċiżjoni tal-intimata ngħatat fid-19 ta' Mejju, 2021. Ir-rikorrent qal li għalhekk f'dan il-każ għandu japplika r-Regolament 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li jgħid li meta ma tingħatax deċiżjoni dwar applikazzjoni fi żmien erba' xhur, l-applikazzjoni tiġi ttrasferita awtomatikament lill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Qal li fil-każ odjern dan ma seħħx, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Ir-rikorrent qal ukoll li mhux minnu li l-kumpannija li kellha timpjegah irċeviet xi *credit note* jew xi estensjoni għall-*approval-in-principle letter,* u qal li għalhekk mhux ġust li jingħad li l-kumpannija li huwa kellu jaħdem magħha naqset milli tagħti risposta lill-intimata fi żmien ħmistax-il ġurnata. Ir-rikorrent qal ukoll li min-naħa tiegħu

huwa osserva l-kundizzjonijiet kollha imposti mill-intimata, u kien għalhekk li ħarġet l-*approval-in-principle letter.* Qal ukoll li l-intimata damet sena u erba' xhur biex tat id-deċiżjoni tagħha, u tul dan il-perijodu din ma talbet għall-ebda dokumentazzjoni jew kjarifiki addizzjonali, sabiex b'hekk inħolqot fih l-aspettattiva leġittima li l-applikazzjoni tiegħu kienet ser tintlaqa'. Ir-rikorrent qal ukoll li l-prinċipal prospettiv baqa' juri l-intenzjoni li jimpjegah, u dan minkejja l-inċertezzi li ġabet magħha l-pandemija fid-dinja tax-xogħol.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2021, il-Bord iddeċieda li l-intimata għandha tevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent mill-ġdid, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***1. Preliminary***
>
> *The Board:*
>
> *Saw that in virtue of a decision dated 19th May, 2021, Identity Malta Agency stated that the relative application for a Single Permit had been rejected for the following reason:* "Reference is made to the 'Credit Note or Extension of Approval in Principle Letter Offer' wherein you were granted two options. Given that you have failed to inform Identity Malta Agency with your option within fifteen working days from receipt of this communication, the approval in principle issued by the Agency is being withdrawn;"
>
> *Saw the appeal registered on 26th May, 2021; and*
>
> *Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 26th July, 2021.*
>
> ***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***
>
> *The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst*

*the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board noted that the Agency addressed its decision to the prospective employer (Key Contractors Limited – Trejqet Isouard, Marsa), not to the appellant. This is in violation of Regulation 15 of S.L. 217.17, which requires that the appellant be personally served with the decision. No appeal can be* fuori termine *when the decision subject to appeal was addressed to the prospective employer, not to the appellant personally.*

*The Board noted that in paragraph 6 of its reply, the Agency argued that as its decision was pursuant to a "*pragmatic, administrative initiative", *this Board lacked competence to adjudge the appeal in terms of Article 25A (1)(c) of the Immigration Act.*

*The Board noted that in virtue of Regulation 3(1)(a) of Subsidiary Legislation 595.07, Identity Malta Agency* "shall carry out functions and duties of the public administration" *in relation to "*visas, residence permits, work permits and other administrative matters related to expatriates."

*Article 25A (1)(c) of the Immigration Act empowers this Board to "*hear and determine appeals or applications in virtue of the provisions of this Act or regulations made thereunder or in virtue of any other law."

*It is clear to the Board that this is an appeal concerning a Single Permit application lodged pursuant to the provisions of S.L. 217.17, this Board enjoys competence to handle this appeal. Article 25A (1)(c) makes that clear (*"... to hear and determine appeals or applications in virtue of the provisions of this Act or regulations made thereunder ...").

*The administrative methodology which the Agency adopts is also subject to this Board's scrutiny. This is because S.L. 217.17 itself spells out what methods the Agency must use to process Single Permit applications. This Board must therefore examine whether the methods used by the Agency were lawful. This is not because this Board enjoys competence to examine how administrative authorities operate, but simply because the Agency's administrative procedures do not operate* in vacuo, *but greatly affect the immigration status of applicants and appellants. Therefore, insofar as the*

*Agency's methods impact the immigration status of applicants and appellants, those methods can be scrutinised by this Board.*

*The Board now refers to paragraphs 3, 4 and 5 of the reply and notes that the Agency was wrong to only notify prospective employers. The wording of S.L. 217.17 refers specifically to applications being lodged by applicants, not by prospective employers. Therefore, the Agency had to allow the applicants themselves to choose, not their prospective employers. It is the applicant who is in control of his application. Therefore, all communication must be addressed to the applicant, not the prospective employer.*

*The holding of a press conference and the publication of the new administrative procedure on the website do not operate in such a way as to bypass the text and the spirit of the law.*

*There is also an inconsistency in the Agency's reply. Whereas in paragraph 3, the Agency claims that it had informed the prospective employer via the postal services, in paragraph 5 it then states that "*the appellant failed to inform the Agency".

*How can the Agency expect the appellant to provide feedback when it could have addressed its communication not to him, but to the prospective employer?*

*Having made these considerations, the Board holds that it does have competence to decide this appeal and shall provide further hereunder.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision, accepts the appeal in a limited manner and directs:*

- *That in view of the pandemic and the difficulties in travel between Member States and non-EU countries, the approval in principle letter is being extended by this Board for a period of six months, starting from the date of receipt of this decision;*
- *That pursuant to this, within two weeks from this decision, an authorised representative of the prospective employer is to submit an affidavit to Identity Malta Agency declaring (if such is still the case) that the appellant's services are still needed;*
- *That Identity Malta Agency particularly the section dealing with visas, is to afford the appellant all necessary facilitation (in view of the approval-in-principle) according to law.*

*Thereafter, based on the relative affidavit, the Agency is to review the appellant's application and decide afresh.*

*The Board orders that this decision be served on the appellant, on the prospective employer, on Jobsplus and on Identity Malta Agency without delay."*

## **L-Appell**

5. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fil-21 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord tal-Appelli dwar Immigrazzjoni tat-30 ta' Novembru, 2021 fl-ismijiet premessi, u tordna lill-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid skont il-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel din il-Qorti. L-appellanta ressqet tliet aggravji ewlenin, u senjatament in-nuqqas ta' kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni; il-fehma tagħha li d-deċiżjoni tal-Bord hija *ultra petita* u *extra petita,* u dan in vista tal-fatt li l-Bord m'għandux il-funzjoni ta' regolatur tal-*policies;* u t-tielet aggravju huwa li d-deċiżjoni tal-Bord hija irritwali u ma tistax tagħmel stat fil-konfront tal-*Visa Unit*.

6. L-appellanta saħqet li l-kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni hija regolata mill-artikolu 25A tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li l-Bord ikollu l-kompetenza li jisma' u li jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra. Qalet li hawnhekk *si tratta* ta' *policy* li nħolqot mill-Identity Malta Agency, li la hija dispożizzjoni tal-Att, la hija dispożizzjoni ta' regolament magħmul taħtu, u lanqas m'hija dispożizzjoni ta' xi liġi oħra. L-appellanta qalet li din il-*policy* nħolqot minnha *ex gratia* sabiex tipprovdi benefiċċju żejjed lil impjegati prospettivi u toffrilhom benefiċċju li ma

jinsabx fil-liġi li permezz tagħha ġiet trasposta d-Direttiva tal-Kunsill 2011/98/KE. Qalet li din il-*policy* nħolqot minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali li ġabet magħha l-pandemija tal-Covid-19, fosthom bir-restrizzjonijiet fl-ivvjaġġar. Qalet li filwaqt li l-Bord huwa korrett jgħid li għandu l-kompetenza sabiex jara li Identity Malta mxiet mal-liġi fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, fl-istess waqt il-Bord ma jistax jipprovdi fis-sens li l-*policy* li tmur oltre dak li tipprovdi għalih il-liġi, mhijiex biżżejjed. Qalet li l-leġislatur ma riedx li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jmur oltre dak li jipprovdi l-artikolu 25A(1)(ċ) tal-Kap. 217, u għalhekk il-Bord kien żbaljat meta ma laqax l-aggravju tal-intimata dwar in-nuqqas ta' kompetenza.

7. Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-appellanta qalet li l-Bord idderieġa li l-approvazzjoni *in principle* għandha tiġi estiża għal sitt xhur oħra min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord. Qalet li l-Bord m'għandux il-funzjoni li jirregola l-*policies* li nħarġu mill-appellanta, u għalhekk ma setax jestendi terminu li mhuwiex mogħti mil-liġi, jiġifieri bil-minimi imposti mid-Direttiva tal-Kunsill 2011/98/KE li ġiet trasposta fil-Liġi Maltija. Spjegat li meta tiġi biex tipproċessa l-permessi, hija żżomm f'moħħha l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u li meta tinħareġ *policy* bħal dik odjerna, hija tkun ikkonsidrat diversi fatturi flimkien mal-awtoritajiet tal-pajjiż. Qalet li l-ħruġ ta' permess mhuwiex indefinit, għaliex dejjem irid jiġi eżaminat fil-kuntest tal-ħtiġijiet attwali tal-pajjiż fis-suq tax-xogħol. Qalet ukoll li meta tinħareġ approvazzjoni ta' permess *in principle,* l-applikant għandu jingħata biżżejjed żmien biex jirregola ruħu f'dak li għandu x'jaqsam mad-dħul fil-pajjiż, iżda dan ma jkunx għal żmien indefinit, għaliex ma jistax jiġi preżunt li wara li jgħaddu bosta xhur, is-sitwazzjoni fil-pajjiż u l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol ser jibqgħu l-istess. Qalet li l-possibilità ta' estensjoni minħabba l-pandemija

ngħatat minn Identity Malta bħala *policy ex gratia*, u fl-ittra tagħha hija għamlitha ċara li jekk l-impjegat jagħżel *credit note,* hija ser tkun qiegħda tqis l-applikazzjoni tal-applikant mill-ġdid. Qalet ukoll li dan sar fl-interess tal-pubbliku in ġenerali u fl-interess tas-suq tax-xogħol. L-appellanta qalet li x-xogħol tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ ta' *policies* ġodda għandu element politiku, u hija ma tistax taqbad u toħroġ dawn it-tip ta' *policies* f'vakwu, iżda wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati u b'konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tal-pajjiż. Żiedet tgħid li filwaqt li l-Bord għandu l-obbligu jistħarreġ jekk l-appellanta imxietx fil-parametri tal-liġi, dan m'għandux il-mansjoni joħloq il-*policies* huwa stess. Qalet li l-Bord huwa munit sabiex jeżamina l-mertu tat-tilwima fil-każ li jkollu quddiemu u biex jara jekk deċiżjoni tteħditx skont il-liġi, iżda m'għandux il-mansjoni li jkun ir-regolatur tas-suq tax-xogħol billi jestendi terminu li mhuwiex mogħti bil-liġi. Qalet li għalhekk meta l-Bord iddeċieda li jestendi l-perijodu tal-*approval-in-principle* b'sitt xhur, huwa kien qiegħed jaġixxi *ultra vires* u d-deċiżjoni għandha titqies li hija *extra petita.*

8. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta qalet li d-deċiżjoni tal-Bord in kwantu dan idderieġa lill-Visa Unit tiffaċilita l-proċess għall-kisba tal-*visa* tal-appellat, hija irritwali u ma tistax tagħmel stat fil-konfront tal-*Visa Unit.* Spjegat li l-permess ta' residenza u l-*visas* huma għal kollox separati u distinti minn xulxin, u r-Regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 jgħid li l-proċedura ta' applikazzjoni waħda għandha ssir mingħajr preġudizzju għall-proċeduri tal-*visa* li jistgħu jkunu meħtieġa għad-dħul għall-ewwel darba fil-pajjiż. Qalet li d-deċiżjoni fir-rigward ta' dawn l-applikazzjonijiet ma kinitx tikkonċerna *visa,* iżda kienet dwar permess ta' residenza, u hija ma tistax tifhem għal liema raġuni l-Bord qiegħed iħallat iż-żewġ awtorizzazzjonijiet flimkien.

Qalet ukoll li l-*Visa Unit*, minkejja li tifforma parti minn Identity Malta, hija regolata b'liġi separata, u din il-*unit* ma kinitx parti mill-proċeduri quddiem il-Bord. Qalet li għalhekk il-*Visa Unit* ma kellhiex l-opportunità li tressaq provi jew sottomissjonijiet fil-mertu, u l-provi u s-sottomissjonijiet li tressqu kienu kollha jikkonċernaw il-permess ta' residenza in kwistjoni. L-appellanta qalet ukoll li l-Bord ma ta l-ebda raġuni għalfejn il-*Visa Unit* għandha timxi b'mod differenti mal-appellat billi tagħtih faċilita speċjali sabiex tinħareġ il-*visa* tiegħu. Qalet li dan l-aġir jista' jitqies li huwa diskriminatorju fir-rigward ta' applikanti oħrajn, partikolarment meta wieħed iqis li l-appell ma kienx jittratta dwar *visa* jew xi nuqqas da parti tal-*Visa Unit*.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Il-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-appellat, wieġbu preliminarjament li huma mhuwiex edott mill-fatti, iżda żiedu jgħidu li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord hija ġusta u timmerita konferma. Qalu li l-Bord kien ġustifikat fid-deċiżjoni tiegħu li jikkonsidra *policy* bħala li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu wkoll li l-applikazzjoni ta' din il-*policy* m'għandhiex tkun waħda arbitrarja, iżda għandha tiġi eżerċitata *ai termini* tal-liġi, liema *policy* tinkwadra ruħha taħt il-Kap. 217. Qalu wkoll li mhuwiex minnu li d-deċiżjoni tal-Bord hija *ultra petita* jew *extra petita,* u l-Bord huwa mwaqqaf appożitament sabiex il-*policies,* għalkemm jaqgħu taħt il-mansjoni tal-appellanta, jiġu applikati u eżerċitati kif suppost u mhux b'mod diskrezzjonali jew arbitrarju. Żiedu jgħidu li l-fatt li l-*policies* mhumiex liġi jew regolament, ma jiskolpax lill-appellanta meta tinterpreta *policy* kif trid hi u mingħajr ebda kontroll ta' ħadd. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant,

il-kuraturi deputati għall-appellat wieġbu li l-appellanta għandha tonora u torbot lilha nnifisha mad-doveri imposti fuqha bil-liġi, għaliex l-appellanta hija kkostitwita *ex lege* u trid taderixxi mal-import tal-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellat. Jirriżulta li fl-10 ta' Frar, 2020, l-appellat li huwa ċittadin ta' pajjiż terz, kien applika mal-appellanta waqt li kien għadu barra minn Malta sabiex jingħata Permess Uniku ta' Residenza u Xogħol. L-appellanta ħarġet *approval-in-principle letter* fis-6 ta' Lulju, 2020, li permezz tagħha infurmat lill-applikant li huwa kellu terminu ta' sitt xhur sabiex japplika għall-*visa,* u sabiex jasal f'Malta u jibda l-impjieg tiegħu. Iżda jirriżulta li minflok ma din l-ittra ġiet notifikata lill-applikant, din intbagħtet fl-uffiċċju tal-prinċipal prospettiv tal-applikant.

11. Fi Frar tal-2021, l-appellanta ħarġet *policy* ġdida in vista tal-fatt li kienet faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19. Permezz ta' din il-*policy* ġie konċess perijodu ta' sitt xhur oħra fuq is-sitt xhur mogħtija fl-ittra tal-*approval-in-principle* sabiex impjegati prospettivi jaslu f'Malta u jibdew l-impjieg tagħhom, u dan in vista tad-diversi restrizzjonijiet li ġew imposti fuq l-ivvjaġġar bejn pajjiż u ieħor. Fil-każ odjern jirriżulta li kien il-prinċipal prospettiv li rċieva l-*approval-in-principle* ta' Lulju tal-2020*,* minkejja li fl-appell tiegħu quddiem il-Bord ir-rikorrent, hawnhekk l-appellat, qal li l-prinċipal prospettiv ma kien notifikat bl-ebda ittra, u għalhekk fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord qies li kien hemm irregolarità

għaliex l-*approval-in-principle* intbagħat lill-prinċipal prospettiv u mhux lill-applikant, u għalhekk kien hemm ksur tar-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li jgħid li l-applikant kellu jiġi notifikat personalment bid-deċiżjoni. Kien għalhekk li l-Bord iddeċieda li l-*approval-in-principle letter* kellha tiġi estiża b'perijodu ieħor ta' sitt xhur, u li fi żmien ġimagħtejn il-prinċipal prospettiv kellu jinforma lill-appellanta dwar jekk is-servizzi tal-appellat kinux għadhom meħtieġa jew le. Il-Bord iddeċieda wkoll li l-appellanta għandha tagħti lill-appellat l-assistenza meħtieġa bl-intiża li l-applikazzjoni tal-*visa* tiegħu tkun tista' tiġi ffaċilitata, u dderieġa lill-appellanta sabiex tagħti deċiżjoni mill-ġdid dwar l-applikazzjoni tal-appellat wara li tikkonsidra l-*affidavit* ta' rappreżentant tal-prinċipal prospettiv dwar jekk ix-xogħol tal-appellat għadx hemm ħtieġa għalih.

12. L-appellanta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni, u fl-<u>ewwel aggravju</u> qalet li l-Bord ma kellu l-ebda kompetenza fuq din il-kwistjoni, għaliex hawnhekk *si tratta* ta' *policy* li la hija dispożizzjoni tal-Liġi u lanqas ta' xi regolament magħmul taħt il-liġi. Qalet li ladarba din il-*policy* ma tistax tiġi kklassifikata bħala xi dispożizzjoni tal-liġi, il-Bord ma seta' jagħti l-ebda provvediment dwarha, u dan *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 25A tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Imma l-Qorti ma taqbilx mal-intepretazzjoni tal-fatti mogħtija mill-appellanta. Għandu jirriżulta li l-appellat resaq quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għaliex huwa ma ġiex notifikat bl-*approval-in-principle letter,* li jirriżulta li ġie notifikat lill-prinċipal prospettiv tiegħu u mhux lill-appellat. Jirriżulta li l-appellanta irtirat dan l-*approval-in-principle letter* wara li ma rċeviet l-ebda komunikazzjoni min-naħa tal-appellat jew min-naħa ta' min kien qiegħed

joffrilu impjieg f'Malta, dwar x'kien fi ħsiebu jagħmel fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu ta' sitt xhur fuq is-sitt xhur oriġinali. Huma dawn it-tieni sitt xhur li huma regolati bil-*policy* li l-appellanta fasslet sabiex tilqa' għall-esiġenzi li ġabet magħha l-pandemija tal-Covid-19. Iżda l-appell tal-appellat ma kienx dwar it-tieni sitt xhur estiżi bil-*policy,* iżda dwar il-fatt li huwa ma kienx ġie notifikat bl-*approval-in-principle letter* oriġinarjament maħruġa fil-konfront tiegħu. Fil-fatt jidher ċar mill-inkartament esebit mill-appellanta flimkien mar-rikors tal-appell tagħha, li l-ittra tal-20 ta' Lulju, 2020 ġiet innotifikata lill-appellat fl-indirizz tal-prinċipal prospettiv. Kien dan il-fattur li wasal lill-Bord jilqa' l-appell tar-rikorrent. Għaldaqstant l-appellanta mhijiex korretta meta permezz tal-ewwel aggravju tagħha tgħid li l-Bord ħa konjizzjoni ta' ċirkostanzi li ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu meta kkonsidra r-rikors tal-appell tal-appellat, għaliex il-mertu ta' dak l-appell ma kinitx il-*policy* jew l-estensjoni tat-tieni sitt xhur, iżda l-*approval-in-principle letter* maħruġa oriġinarjament, u li qatt ma ntbagħtet lill-applikant. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

14. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tagħha, l-appellanta tgħid li l-Bord eżorbita l-kompetenza tiegħu meta ddeċieda li l-*approval-in-principle letter* għandha tiġi estiża għal sitt xhur oħra, u dan għaliex il-Bord m'għandux il-funzjoni li jirregola l-*policies* li nħarġu minnha. Qalet li l-Bord ma jistax jestendi terminu li ma joħroġx mil-liġi, u hija tfassal il-*policies* tagħha b'konsiderazzjoni għall-esiġenzi fis-suq tax-xogħol u tal-ħtiġijiet fil-pajjiż. Qalet li l-Bord m'għandux jaġixxi ta' regolatur fis-suq tax-xogħol, u għalhekk għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tiegħu hija *ultra petita* u *extra petita.*

15. Il-Qorti għal darb'oħra tgħid li hija ma taqbilx mal-evalwazzjoni tal-fatti li qiegħda tagħmel l-appellanta. Dan għaliex għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Bord kienet tirrivolvi fuq il-fatt li l-*approval-in-principle letter* qatt ma ġiet notifikata lill-appellat, u għalhekk dan ma ngħatax l-opportunità li jibda t-tħejjijiet tiegħu sabiex jiġi Malta u jirregolarizza ruħhu mal-awtoritajiet Maltin fir-rigward tal-impjieg li kellu, kif kien infurmat biex jagħmel fl-*approval-in-principle letter* li ntbagħtet lill-prinċipal prospettiv minflok lill-applikant. Kien għalhekk li l-Bord iddeċieda li t-terminu ta' sitt xhur għandu jibda jgħodd mill-ġdid mid-data tad-deċiżjoni mogħtija minnu. Dan it-terminu ma ngħatax konfermament mal-ispirtu tal-*policy,* li l-appellanta tgħid li l-Bord m'għandux kompetenza dwarha, iżda mat-terminu ta' sitt xhur oriġinarjament mogħti, u li l-appellat ma kellu l-ebda ċans jirregolarizza ruħu dwaru għas-sempliċi raġuni li huwa ma kienx ġie notifikat bl-*approval-in-principle letter.* Għaldaqstant dan mhuwiex każ fejn il-Bord qiegħed jaġixxi ta' regolatur tas-suq tax-xogħol jew qiegħed jestendi terminu li ma joħroġx mil-liġi. Hawnhekk il-Qorti kkonsidrat ukoll li l-*approval-in-principle letter* mhijiex il-Permess ta' Residenza jew tax-Xogħol mitlub, iżda hija sempliċiment ittra li permezz tagħha l-applikant jiġi mgħarraf li jista' jibda l-proċess sabiex japplika għall-*visa* u jibda t-tħejjijiet tiegħu sabiex jiġi f'Malta. Ladarba ġie stabbilit li l-applikant ma ġiex notifikat b'din l-ittra, dan qatt ma seta' jibda dan il-proċess, u għalhekk ladarba ġie deċiż li fil-prinċipju it-talba tal-applikant għandha tintlaqa', kien xieraq li dan jingħata ċ-ċans li jibda l-proċess sabiex jinħarġulu l-permessi neċessarji sabiex ikun jista' jiġi f'Malta jekk jirriżulta li huwa jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha rikjesti, u l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi deċiża. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

16. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Bord kien żbaljat meta dderieġa lill-*Visa Unit* sabiex tiffaċilita l-proċess għall-ħruġ tal-*visa* lill-appellat. Qalet li fil-każ odjern il-permess mitlub kien wieħed ta' residenza, u mhux biex tinħareġ *visa*, u ma nġabet l-ebda raġuni għalfejn dan l-applikant partikolari għandu jingħata trattament speċjali li jista' saħansitra jiddiskrimina ma' applikanti oħrajn li mhumiex qegħdin jingħataw l-istess trattament.

17. Il-Qorti tqis li l-Bord fil-każ odjern ikkunsidra li diġà għaddew aktar minn tliet snin, bejn id-data meta l-applikant ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu u d-deċiżjoni tal-Bord. Il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord li qanqlet dan l-aggravju tal-appellanta tgħid '*[t]hat Identity Malta Agency, particularly the section dealing with visas, is to afford the appellant all necessary facilitation (in view of the approval-in-principle) according to law'.* Il-Bord imkien ma ssuġġerixxa li l-appellat għandu jingħata xi trattament speċjali, jew xi jeddijiet li m'għandux skont il-liġi. Il-Bord qiegħed biss jidderieġi lill-appellanta tikkonsidra l-ħtiġijiet li għandu l-appellat sabiex ikun jista' jasal f'Malta. Fuq kollox, il-Bord tefa' l-oneru tal-piż tad-deċiżjoni aħħarija fuq l-appellanta nnifisha, li għandha tevalwa l-*affidavit* tal-prinċipal prospettiv, u li għandha tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-applikant wara li tikkonsidra dan l-*affidavit* u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ. Il-Bord fl-ebda waqt ma dderieġa lill-appellanta jew lil xi *unit* li jaqa' taħtha, sabiex tagħti trattament speċjali lill-applikant, iżda dderieġa li l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-*visa* għandha tiġi ffaċilitata skont il-liġi, u dan in vista tal-fatt li diġà hemm approvazzjoni fil-prinċipju għall-għoti tal-permess mitlub. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li it-tielet aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**